# Il-Monasteru ta' Santa Katarina ta' Lixandra u l-knisja tiegħu fil-Belt Valletta

© Rev. Jonathan Farrugia
B.A. Hons. (It.), B.A. Theol. & Hum. Stud., S.Th.B.

Apparti l-knisja ta' *Santa Caterina d'Italia* fil-Belt insibu bini ieħor antik u bi storja ħelwa li jġib fuqu l-isem ta' Santa Katarina. Dan huwa l-monasteru tas-sorijiet tal-klawsura li nsibu fin-naħa t'isfel ta' Triq ir-Repubblika.

**Grazzja mill-Qaddisa u legat**

Il-monasteru tas-Sorijiet Agostinjani tal-klawsura ta' Santa Katarina verġni u martri fi Triq ir-Repubblika l-belt Valletta, jaf il-bidu tiegħu mil-legat li kienu ħallew il-markiżi Giovanni u Katarina Vasco-Oliviero fil-5 ta' Ottubru 1580.

Il-markiż Giovanni Vasco Oliviero kien mill-Portugall u l-markiża Katarina twieldet Malta, iżda minn ġenituri ta' oriġni minn Rodi u kienu ġew Malta fis-26 ta' Ottubru ta' l-1550 ma' xi nies oħra li kienu ġew mal-kavallieri. Il-markiża Katarina kienet ġejja mill-familja nobbli tal-konti Oliviero. Din il-koppja nobbli kellhom tifel wieħed, Giovanni, li fl-1576 marad bil-pesta. Ommu, Katarina, devota kbira tal-qaddisa li ġġib isimha, għamlet wegħda li jekk binha jfiq minn din il-marda terribbli, hija tagħti d-dar tagħha tal-Belt, Casa Vanilla, lill-Knisja. Wara xi żmien Giovanni fieq.

Ħu Katarina, monsinjur Mikiel Oliviero, li kien kappillan fil-Lingwa Ġermaniża, prokuratur tal-ħlas tat-Teżor ta' l-Ordni u viċi-prijur ta' San Ġwann, fakkar lil oħtu fil-wegħda li kienet għamlet biex taghti darha lill-Knisja, u hija hekk għamlet fl-1580 fil-legat ta' żewġha. Monsinjur Mikiel Oliviero miet fl-1613 ta' 62 sena. Insibu r-ritratt tiegħu fl-Università l-antika tal-Belt Valletta.

**Il-bidu tal-komunità**

Fis-sena 1575 fil-belt Valletta xebbiet twajba fuq il-parir ta' patri Ġiżwita kienu jieħdu ħsieb tat-tfajliet bejn 7 snin sa 12-il sena biex jeħelsuhom mill-perikli tad-dinja. Dawn kienu joqgħodu f'dar li kienet tmiss mal-knisja konventwali ta' San Ġwann, kienu jissejjħu *Orfanelle della misericordia*, iżda wara l-mewt tas-sinjur li kien poġġiehom fiha, l-werrieta keċċewhom. Dan ħabat fl-istess żmien meta l-markirżi Oliviero offrew Casa Vanilla lill-Knijsa, għalhekk dax-xbejbiet ingħataw permess li jkompli l-ħidma siewja tagħhom fil-palazz. Kienet tassew għotja providenzjali li malajr bdiet tħalli l-frott.

---

Dan sar fi żmien il-Papa Gregorju XIII (1572-1585) u ż-żmien li kien Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann Fra Jean Levesque de la Cassière (1572-1582) u fi żmien l-Isqof ta' Malta Fra Tumas Gargallo J.U.D. (1578-1583 u 1586-1614).

Fl-1606 lil dax-xebbiet ġiethom il-vokazzjoni reliġjuża għall-ħajja tal-klawsura. Il-Knisja aċċettat ix-xewqa tagħhom għall-ħajja kontemplattiva klawstrali u l-markiżi meta raw dan bil-ġenerożità bnewlhom kappella ddedikata lill-Assunzjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija mal-palazz biex fiha jkunu jistgħu jisimgħu l-quddies u jagħmlu d-doveri reliġjużi tagħhom. Din il-kappella kienet fejn illum hemm l-intrata tal-Monasteru. Is-sorijiet baqgħu jieħdu ħsieb it-tfajliet, iżda peress li huma kienu klawstrali kienu jafdawhom ma' xebbiet twajba oħra biex joħorġuhom għall-passiġġati u għall-funzjonijiet reliġjużi f'San Ġwann. Dawn it-tfajliet damu jgħixu magħhom sa żmien il-Franċiżi f'Malta, mbagħad bil-permess tal-Knisja baqgħu jgħixu waħidhom.

Kien ukoll bis-saħħa ta' Monsinjur Mikiel Oliviero, ħu l-markiża Katarina, li fl-1611 it-titular tal-kappella tbiddel f'dak ta' Santa Katarina V.M. Dan ħajjar lil ħabibu Dun Ġlormu Delia (li kien kappillan tas-sorijiet bejn l-1597 u l-1633) biex jibdel id-dedika tal-kappella għal Santa Katarina prinċipessa martri fis-sena 305 għad unur id-donatriċi.

Il-markiżi kienu ferħanin ħafna b'dawn is-sorijiet tal-klawsura, l-aktar meta kienu jaraw lit-tfajliet nobbli u sinjuri jħallu l-frugħa tad-dinja u jagħtu ruħhom lil Alla f'dan il-monasteru, għalhekk fis-27 ta' Jannar 1611 għamlu t-testment u ħallew bħala werrieta universali tagħhom ġidhom kollu lil dawn is-sorijiet klawstrali. F'daż-żmien it-tifel uniku tagħhom kien ġà mejjet u midfun fil-monasteru. Wara t-testment ma damux ħajjin il-markiżi għax il-markiża mietet f'Marzu ta' l-istess sena u l-markiż miet f'Settembru ta' l-1612 u ġew midfunin f'dan il-monasteru.

Dawn is-sorijiet kienu jgħaddu l-ġranet kollha ta' ħajjithom f'talb kontinwu, f'sagrifiċċji ta' ħafna sawm, kollox għall-imħabba ta' Alla, li ma rahiex bi kbira, Hu li kien Alla mhux bħalna kreaturi mimlijin difetti, li anki jmut mislub fuq salib għall-imħabba tagħna.

**L-ewwel regola tas-sorijiet ta' Santa Katarina**

Il-Vigarja preżenti Suor Aloysia Bajada ġentilment tatni kopja ta' l-ewwel regola li kellhom is-sorijiet ta' Santa Katarina, li ġiet ippubblikata fl-1606.[1] Dan il-ktejjeb huwa maqsub f'żewġ partijiet: l-ewwel nofs hemm għoxrin indikazzjoni għat-

[1] *Regole delle figliuole della presentatione della Madonna dette della misericordia*, Malta 1606.

tfajliet li kienu jieħdu ħsiebhom is-sorijiet; it-tieni nofs imbagħad jinkludi għoxrin punt li jifformaw ir-regola tas-sorijiet.

Id-daħla għall-istruzzjoniet għax-xebbiet tgħid li biex tfajla tiġi aċċettata fil-kunvent għandu jkollha inqas minn sbatax-il sena, għandu jkollha fama ta' tfajla verġni u tal-knisja u li l-qagħda tagħha kellha tkun waħda ta' periklu għaliha jew għal ruħha. Kull tfajla kienet obligata ġġib rispett lejn l-Isqof ta' Malta u lejn is-Superjura tal-kunvent. Kulħadd kellu jqerr almenu darba kull ħmistax. Bħala talb kienu obligati li jagħmlu nofs siegħa talb filgħodu, jgħidu r-rużarju kuljum u jagħmlu eżami tal-kuxjenza filgħaxija; fis-Sibtijiet tal-Madonna kull tfajla kellha tagħmel xi talb żejjed għall-Knisja, għall-benefatturi, għall-Granmastru, għal min jinsab fid-dnub il-mejjet u għal min jitlobhom jitolbu għalih. Kellhom ukoll jitgħallmu mingħand is-sorijiet jagħmlu l-faċendi tad-dar u ma jitgħażżnux. It-tama tagħhom kellha tkun kollha kemm hi f'Alla; tama f'persuni oħra, anke fl-istess ġenituri, kienet meqjusa bħala żbaljata. Darba kultantt kull tfajla kienet mistennija titlob li tagħmel xi penitenza żgħira bħala tpattija għal xi nuqqasijiet li setgħet għamlet: dawn kienu jinkludu jew li tiekol fl-art, jew li tgħid xi talb qabel l-ikel, jew li tbus saqajn is-sorijiet kollha. Biex joħorgu mill-kunvent kellu jkollhom raġuni valida, kellhom joħorġu tnejn tnejn u joqgħodu jkantaw l-innijiet waqt lijżommu ħarsithom baxxa bħala sinjal ta' modestja. Naturalment kienu obligati jħobbu u jirrispettaw lil xulxin bħal aħwa fi Krsitu, josservaw is-silenzju matul il-ġurnata kollha ħlief siegħa wara l-ikel li fiha setgħu jitkellmu dwar affarijiet xierqa u li jkomplu jsaħħulhom il-karattru fl-imħabba lejn Alla. Fl-aħħar ftit regoli t-tfajliet kienu mħeġġa iżommu l-indafa u l-ordni fil-lôk fejn kienu jgħixu, u aktar u aktar iżommu ruħhom safja minn kull tgerfix tad-dinja u minn kull ġmiel estetiku sabiex aktar jidhru sbieħ f'għajnejn il-Mulej.

Dawk li xtaqu jsiru sorijiet kellhom imbagħad xi regoli oħra li kellhom iħarsu. L-ewwel nett kellhom iżommu f'moħħhom li kellhom ikunu ta' eżempju tajjeb kull ħin. Il-kappillan tas-sorijiet kellu jeżamina kull aspiranta biex jiddeċiedi meta din setgħet tagħmel il-professjoni li fiha tħaddan il-voti tal-povertà, il-kastità u l-ubbidjenza. Dawn kienu jiġu mġedda ta' kull sena fil-festa tal-preżentazzjoni tal-Madonna. B'rispett lejn il-vot tal-povertà kellhom jaqsmu bejniethom kullma kellhom, sabiex kollox ikun għad-dispożizzjoni ta' kulħadd għal kull bżonn li seta' jinqala'. Il-vot tal-kastità kien jitlob li s-safa tiġi mħarsa l-ewwel u qabel kollox fil-moħħ – xewqat u ħsibijiet li setgħu iwasslu għal xewqat ħżiena kellhom jitwarrbu immedjatament, ma setgħux jaqrgħu kotba profani meqjusa bħala disonesti, l-ebda soru ma setghet tmiss oħra u kull waħda kellha torqod weħidha ġo sodtha. Ħadd ma seta' jitkellem ma nies sekulari, juri xagħaru jew juża xi fwejjaħ. L-ubbidjenza titlob li kull waħda tkun dejjem lesta li tobdi r-Regola u kullma tgħidilha xi superjura. Il-għan għall-ubbidjenza ma kellux ikun ieħor għajr l-imhabba lejn Kristu li obda sal-mewt.

Peress li kienu sorijiet klawstrali ħadd minnhom ma seta' joħrog mill-monasteru jew idaħħal xi persuna li ma kienetx reliġjuża. Meta, għall-bżonn, jidħol it-tabib jew il-barbier, dan kellu jkun akkumpanjat minn waħda mill-ixjeħ sorijiet. It-talb tal-kor kien obligatorju għal kulħadd, u dan kellu jsir f'daqqa mhux individwalment. Jekk xi waħda tagħmel xi żball, din kellha qabel jispiċċa l-kor tinżel għarkubbtejha quddiem is-superjura u titlob penitenza.

Ħafna minn dar-regolamenti llum il-ġurnata narawhom bħala strambi – però rridu nżommu f'moħħna li dawn inkitbu erba' mitt sena ilu u dawn kienu t-tip ta' regoli li kienu jħaddnu ħafna Ordnijiet reliġjużi. Madankollu ta' min isemmi li wħud minn dawn ir-regoli għadhom attwali sal-lum!

**Bini mill-ġdid u bidla fit-titular tal-knisja**

Fl-1714, fi żmien il-badessa Apollonja Debono (li żammet dan il-karigu bejn l-1712 u l-1718), dawn is-sorijiet bdew jibdu l-knijsa u l-monasteru kif narawhom illum. Il-pjanta kienet tal-kavallier Romano Fortunato Carapechhia (1668-1738) minn Firenze, perit popolari ħafna fi żmien l-Ordni.[2] L-imgħallem bennej kien Toni Cachia[3].

B'xorti ħażina lis-sorijiet malajr spiċċawlhom il-flus, u x-xogħol kellu jieqaf. Wara kważi ħamsin sena, il-kavallieri aċċettaw li jipprovdulhom parti minn dak li kellhom bżonn biex ix-xogħol seta' jitkompla. Ix-xogħol reġa' beda fil-25 ta' Frar 1765 mill-istess bennej (issa ħafna aktar anzjan fiż-żmien!) li issa kien laħaq perit u lestielhom kollox f'sena żmien.[4] Dan ġara fi żmien li kienet badessa Tereża Maddalena di Conti Bianchi (1750-1767) li missierha, l-konti Gejtan li kien serva ta' ġurat fl-Università jew Gvern ta' l-Imdina fl-1728, ħareġ ukoll parti tajba mill-ispejjeż li kien hemm bżonn.

Dal-monasteru u l-knisja ta' Santa Katarina ġew imbierka u inawgurati mill-isqof djoċesan Fra Bartilmew Rull (1757-1769) fit-8 ta' Novembru ta' dik is-sena 1766, assistit mill-kapitlu ta' San Pawl Nawfragu bl-arċipriet kanonku Paskal Grima (15/11/1760-28/2/1780) li qabel kien serva ta' kappillan konfessur tas-sorijiet ta' Santa Katarina bejn l-1750 u l-1752. Għal din l-okkażjoni kienu ħadu sehem bosta kavallieri u kappillani konventwali ta' San Ġwann: infatti minn dik is-sena

[2] Carapecchia kien għamel ukoll il-pjanta tal-knisja ta' *Santa Caterina d'Italia* li tajnieha ħarsa s-sena l-oħra.

[3] Toni jidher li kien l-ewwel minn dinastija ta' rġiel li saru periti u bennejja famużi. Ibnu Duminku (1710-1790) kien li ħażżeż il-pjanta tal-kolleġġja ta' Sant'Elena f'Birkirkara, fil-waqt li iben Duminku, Anton kien il-perit tal-bażilka ta' Porto Salvo, l-ewwel parroċċa tal-Belt.

[4] Taħt il-monasteru nbniet ukoll kripta biex fiha jindifnu s-sorijiet. Fiha hemm madwar 213-il soru midfuna. Meta twaqqaf id-dfin fil-knejjes is-sorijiet bdew jindifnu fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.

il-membri ta' l-Ordni dejjem baqgħu jieħdu sehem fil-festa ta' Santa Katarina sa kemm fit-18 ta' Ġunju 1798 il-ġeneral Napuljun Bonaparti ġagħalhom jitilqu minn Malta.

Fl-okkażjoni tat-tberik tagħha, dil-knisja l-ġdida ġiet iddedikata lill-Preżentazzjoni ta' Marija fit-Tempju kif hija llum biex tfakkar iżjed ħafif lis-sorijiet fid-dedikazzjoni tagħhom lil Alla. Il-kwadru titulari sar mill-artist Enriku Arnaux (1692-1766) – dan kellu jkun l-aħħar xogħol tiegħu. Peress li dil-knisja ġdida saret ikbar minn ta' qabel setgħu jiżdiedulha żewġ artali laterali. Dak fuq ix-xellug ġie ddedikat lill-Protettriċi tagħhom fis-sema Santa Katarina ta' Lixandra, u dak fuq il-lemin lil San Ġwann Battista[5] bħala tfajjel b'rispett lejn l-Ordni tal-kavallieri li kienet xi ftit għinitom fl-ispejjeż tal-bini u b'rispett ukoll lejn iż-żewg benefatturi tagħhom in-nobbli Katerina Oliviero u żewġha l-markiż Giovanni Vasco u ta' binhom Giovanni wkoll rispettivament. Iż-żewġ pitturi kienu xogħol l-artist Malti mill-Isla Francesco Żahra.

Dil-knisja ġdida għandha tul ta' 53 pied u 27 pied fil-wisgħa, għandha forma eleganti ħafna u hi mibnija fil-format ta' *ordine composto*. Ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Fra Vincenzo Labini (1780-1807) minn fil-15 ta' Ġunju 1783.

**Is-sorijiet iħaddnu r-regola Agostinjana**

F'nofs is-seklu XIX preċiżament fis-sena 1850 dawn is-sorijiet permezz tal-badessa ġdida tagħhom Giovanna-Francesca Mamo "tal-Bambin Ġesù" (1850-1857; 1863-1869; 1875-81, 1884-1890) talbu lill-provinċjal ta' l-Agostinjani (1847-1857) Patri Gejtan Pace-Forno (twieled f'Għawdex 5/6/1808, intagħżel isqof titulari ta' Ebron 25/9/1857, Arċisqof ta' Malta 3/12/1857 u miet f'Napli 22/7/1874) u dan fiż-żmien u bl-approvazzjoni sħiħa ta' l-Arċisqof ta' dak iż-żmien Monsinjur Publiju-Marija dei Conti Sant[6], mill-Belt (twieled 1779, Isqof titulari ta' Lorada 1817, Arċisqof ta'Malta fis-17/11/1847 u miet fil-palazz tal-familja tiegħu "Casa Rocca Grande", illum Palazzo Messina" preċis fuq in-naħa l-oħra tat-triq ta' dal-monasteru u knisja, fit-28/10/1864) biex jaffiljahom ma' l-Ordni illustri ta' Santu Wistin. Meta xewqithom ġiet mogħtija huma malajr ħasbu biex jibdlu l-pitturi taż-żewġ artali laterali. L-artal ta' Santa Katarina sar iddedikat lill-Madonna tal-Konsolazzjoni, jew taċ-Ċintura, b'Santa Katarina ta' Lixandra qiegħdha tirċievi ċ-ċurkett tat-tieġ mistiku tagħha mit-tarbija Ġesù (bħala rikordju tal-protettriċi ċelesti u tal-benefeattriċi terrena tagħhom) u b'Santa Monika tirċievi ċ-ċintura tas-salvazzjoni mingħand il-Madonna; dak ta'

---

[5] Il-pittura ta' San Ġwann Battista, xogħol ta' Francesco Żahra, ġie rrestawrat fl-1984 minn Manwel Zammit taż-Żejtun.

[6] Dan kien l-isqof li ħatar lil Santa Marija Assunta patruna speċjali tal-Gżejjer Maltin fit-18 ta' Frar 1848 permezz tal-kelmiet"Maria Assumpta Melitæ patrona et princeps inter sanctos titulares".

San Ġwann Battista sar iddedikat lil Santu Wistin Isqof ta' Ippona u Duttur tal-Knisja, il-ko-protettur ċelesti tagħhom ġdid.

L-aħħar saċerdot kappillan-konfessur mill-kleru djoċesan kien Dun Manwel Borg (1931-1937) u wara dan l-uffiċċju ngħata lill-Patrijiet Agostinjani, peress li s-sorijiet ġew affiljati magħhom.

**Il-pitturi u xi ornamenti li hemm fil-knisja**

Taħt il-pitturi tal-Madonna taċ-Ċintura u ta' Santu Wistin naraw żewġ pitturi iżgħar li jirrappreżentaw lill-Familja Mqaddsa mat-tfajjel San Ġwann il-Battista (f'memorja tad-dedikazzjoni ta' qabel ta' l-artal l-ieħor tal-lemin) u tal-Madonna tal-Buon Kunsill tant maħbuba mill-Ordni Agostinjan ma' l-artal ta' Santu Wistin. Dawn l-erbgħa pitturi ta' fuq iż-żewġ artali laterali nzertaw ukoll l-aħħar xogħlijiet mill-artist professur Pietru-Pawlu Caruana (1794-1852) mill-Belt. Ftit taż-żmien wara saru l-erba' pitturi ta' fejn l-artal maġġur: tnejn kbar juru lil missierhom tas-sema Santu Wistin jagħti r-regula lis-sorijiet u l-mewt ta' Santa Monika omm Santu Wistin, it-tnejn magħmulha minn artist minn Firenze u saru flok tnejn li juru l-qtugħ ir-ras ta' San Ġwann u San Pawl jikkonsagra lill-prinċep tal-Gżira San Publju bħala l-ewwel isqof ta' Malta u Għawdex li kienu saru wkoll mill-artist Senglean Francisco Żahra (1680-1765). Daż-żewġ pitturi kienu saru fl-1763 u 1764 u għalihom ħallsu żewġ badessi: Suor Florinda Smeralda (dei Conti) Ciantar (1759-1764) u Suor Rosalba de Lucis (1764-1767). Fit-tieni nofs tas-seklu sbatax sarur wkoll żewġ pitturi żgħar li juru l-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u l-Qalb Imqaddsa ta' Marija, it-tnejn mill-artist Rafel Caruana (1816-1872) iben l-artist Pietru-Pawlu. Dawn saru flok tnejn ta' San Pietru u ta' San Pawl iż-żewġ kolonni tal-Knisja Universali.

L-erbgħa pilastri maġġuri tal-knisja għandhom żewġ pitturi kull wieħed, kollha juru qaddisin ta' l-Ordni Agostinjan: l-erbgħa ta' fuq huma qaddisin irġiel: San Tumas minn Villanova-Portugall Arċisqof ta' Valencia-Spanja li baqa' msemmi għall-karità li kien jagħmel u li miet fl-1555; San Nikola minn Tolentino (1246-1303), Sant'Antoninu martri u San Ġwann Fakundu minn Salamanca li kien devotissimu tas-Sagrament Ewkarisitiku u li miet fl-1470. Dawn tpittru wkoll minn Rafel Caruana tal-Belt. L-erbgħa ta' taħthom jirrappreżentaw qaddisin nisa: Santa Rita minn Cascia; Santa Klara minn Montefalco, il-propaġentriċi kbira tad-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u li kienet ħabbret li meta tmut isibu bħal tliet tbajja fuq qalbha bħala l-għeliem li ħallew warajhom it-Tliet Persuni tas-Santissima Trinità għall-imħabba profonda li kellha versu lejhom; Santa Kristjana verġni u martri devotissima tal-Kurċifiss; u Santa Ġuljana Falconieri verġni minn Udine li permezz li ma setgħetx titqarben minħabba li kienet ferm marida l-Ostja mqaddsa li s-saċerdot kien ipoġġilha fuq moħħha kienet tisparixxi b'miraklu ta' kuljum u quddiem dawk kollha preżenti fejnha.

Dawn l-erbgħa pitturi ta' l-aħħar għamilhom l-artista Toni Gatt[7] minn Bormla (1832-1912) missier il-famuż pittur u skultur Abram (1865-1944). Tlieta minn dawn l-istess erba' nisa qaddisin Agostinjani kienu tpittru ma' qaddisa oħra wkoll mill-pittur Rafel Caruana fuq nett taż-żewġ artali laterali: Santa Rita u Santa Ġuljana fuq l-artal ta' Santu Wistin, u Santa Massima u Santa Klara fuq dak ta' Santa Katerina.

F'din il-knisja nsibu wkoll żewġ irħamiet kbar ta' rikordju li tpoġġew mal-ħitan fl-1896. Ta' fuq il-lemin tfakkar lit-twajbin nobbli Ġovanni u Katarina Vasco-Oliviero, waqt li dik ta' fuq ix-xellug tikkommemora li dil-knisja u l-monasteru ngħataw il-filjolanza ma' l-Ordni Agostinjan b'digriet tal-qdusija teigħu l-Papa Piju IX (1846-1878) fid-29 ta' Lulju 1850 u promulgat u esegwit fit-3 ta' Sattembru 1851 meta dawn is-sorijiet kellhom bħala kappillan-konfessur lil Dun Ġwann-Battista Cauchi (1844-1853) u li din l-għaqda ġiet ikkonfermata fl-1893 b'rakkomandazzjoni ta' l-Arċisqof Pietru Pace[8] fi żmien il-kappillan-konfessur Dun Duminku-Saverju Hyzler (1887-1899).

Il-koppla u l-frotispizju ġew iddekorati mill-artist ċelebri Ġużeppi Calì mill-Belt (1846-1930) fl-1882, fi żmien il-kappillan-konfessur qaddis (1881-1884) Dun Sidor dei Conti Formosa Montalto (1851-1931) mill-Belt, u l-Badessa Marija-Kjara Borg "tal-pjagi mqaddsa" (1881-1884). Iċ-ċentri tat-tmien flieli tal-koppla juru diversi stemmi. Dak li tiġi bi dritt it-titular juri n-*nome di Maria*; dak fuq l-artal tal-Madonna tal-Konsolazzjoni b'Santa Katarina fih l-istemma ta' dil-qaddisa Lixandrina, dak fuq l-artal ta' Santu Wistin naturalment fih l-istemma ta' l-Ordni Agostinjan, waqt li l-flieli li jibqa' huma mżejjnin bl-istemmi tal-Madonna meħudin mil-litanija ta' Loreto alternati ma' tnejn gustużi u sinnifikativi daqshom li juruna lil Marija bħala l-gwida tagħna biex naslu fi żgur f'pajjiżna l-ġenna: dawn huma *Domus aurea* (dar tad-deheb), *Stella matutina* (kewkba ta' fil-għodu), *Stella maris* (kewkba tal-baħar), *Janua coeli* (bieb tas-sema) u *Pharus salvationis* (lanterna tas-salvazzjoni). Madwar il-koppla hemm il-bassoriljevi ta' l-Evanġelisti: San Mattew bl-anġlu, San Ġwann bl-ajkla, San Mark bl-iljun u San Luqa bil-barri.

Fuq in-niċċa kbira t'isfel ta' l-istatwa ta' Santa Rita u fuq il-bieb ta' quddiemha tas-sagristija hemm żewġ irħamiet oħra f'forma ovali. Dik tal-lemin tikkomemora li l-Papa Klement XIII (1758-1769) ta fil-15 ta' April 1761 indulġenza plenarja ma' kull quddiesa ċelebrata fl-artal maġġur ta' dil-knisja għall-erwieħ tas-sorijiet mejtin jew li waslu fil-pont ta' ħajjithom ta' dal-monasteru, għar-ruħ ta' membri tal-familji tagħhom sat-tieni grad u anke għar-

---

[7] Toni ma tantx baqa' magħruf. Ibnu, però kellu jħalli isem li ma jispiċċa qatt permezz li għana l-knejjes tagħna b'numru kbir ta' opri artistiċi. Kien Abram Gatt (1865-1944).
[8] Monsinjur Isqof Pietru Pace twieled f'Għawdex fid-9 ta' April 1831, sar Isqof t'Għawdex fit-28 ta' Frar 1877 u Arċisqof ta' Malta fil-11 ta' Frar 1889. Miet fid-29 ta' Lulju 1914.

ruħ tal-benefatturi; l-oħra fuq il-bieb tas-sagristija fuq ix-xellug tfakkar il-konsagrazjoni ta' dil-knsija ddedikata lill-Madonna Omm Alla u reġina tas-sema u ta' l-art mill-Isqof Fra Vincenzo Labini fil-15 ta' Ġunju 1785.

L-istatwa ta' Santa Rita (1381-1447) saret ftit snin wara li saret qaddisa mill-Papa Ljun XIII (1878-1903) fl-24 ta' Mejju 1900 wara li kienet ilha ibbeatifikata mill-Papa Urban VIII (1623-1644) fl-1637. L-istatwa saret mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri (1885-1979) fl-1910 fi żmien il-Badessa Marija-Katerina di Ġesù Nazzareno (1889-1902 u 1908-1915) u l-kappillan-konfessur il-Kanonku Emmanuel Fleri-Soler (1902-1911) u tpoġġiet flok statwa devottissima ta' l-injam Ecce Homo li kien għamilha l-iskultur kbir Marjanu Ġerada (1770-1823) minn Bormla fl-1802 fi żmien il-kappillan-konfessur Dun Alwiġ Borg (1801-1809) u l-Badessa Francesca Rosignani (1796-1810).[9]

Fil-ġnub tal-bieb ta' barra hemm żewġ niċeċ żgħar bil-busti ta' Ġesù Nazzarenu u ta' Marija Addolorata libsin il-bellus, xogħol Spanjol minn Sevilja.

Fis-sagristija hemm dawn il-pitturi: Ġesù kruċifiss, il-qtugħ ir-ras ta' San Ġwann il-battista, Il-konsagrazzjoni ta' San Publju bħala l-ewwel isqof ta' Malta u ta' Għawdex minn missierna l-appostlu San Pawl, San Pietru, San Pawl.[10] Hemm ukoll pittura bl-erba' dutturi tal-Knisja: il-Papa San Girgor, il-kardinal San Ġlormu, l-isqof Santu Wistin u l-arċisqof San Anbroġ, oħra b'San Tumas minn Villanova, Agostinjan arċisqof ta' Valencia qiegħed iqassam il-karità lill-fqar u pittura tal-Madonna tal-Bon Kunsill u ikona Biżantina tal-predestinazzjoni ta' Marija.[11] Naturalment jinsabu wkoll bosta relikwarji: wieħed f'forma ta' artal b'biċċa mis-Salib ta' Kristu fih, ieħor ukoll b'biċċa mis-Salib b'ħafna teki ta' għadam ta' qaddisin madwaru, ieħor b'għadma kbira f'niċċa b'sitt teki fuq il-ġnub u bi tlieta fuq, gwarniċ ovali b'ħafna relikwi ta' qaddisin, tliet gwarniċi oħra ukoll ovali iżgħar u b'ħafna għadam qaddis, kif ukoll erba' gwarniċi kbar dejjem b'numru ta' għadam ta' qaddisin. Fl-2004 saret statwa ħelwa ta' Santa Katarina V.M. minn Manwel Zammit li tinżamm fil-parlatorju u li tintrama' fil-kappella għal-festa li tiġi ċċelebrata fil-25 ta' Novembru

---

[9] Din kienet dejjem tinżamm mgħottija, u li llum tinsab fil-monasteru. Madwar għoxrin sena ilu ġiet restawrata minn Manwel Zammit.

[10] Dal-pitturi qabel kienu jinsabu fil-knisja imma tbiddlu ma' oħrajn li jirrappreżentaw xi qaddisin Agostinjani

[11] Din kienet ġiet irregalata fl-1675 minn monsinjur Antonio Tolossenti, pro-inkwiżitur bejn l-1676 u 1677, fi żmien li oħtu kienet il-badessa ta' dal-monasteru bħala Madre Skolastika Tolossenti.

**Għeluq**

Għalkemm illum il-ġurnata s-sorijiet jitqiesu bħala Agostinjani u mhux aktar bħala sorijiet ta' Santa Katarina, xorta waħda d-devozzjoni tagħhom lejn din il-qaddisa kbira għadha qawwija u ħajja. Xhiedha ta' dan huwa l-fatt li l-monasteru żamm l-isem oriġinali tiegħu bħala *Monasteru Santa Katarina V.M.*, kif ukoll il-festa sabiħa li ssir ta' kull sena bl-għasar u bil-quddiesa solenni li fiha l-kappella tkun kollha armata bid-damask prezzjuż tal-palma u bl-apparat kollu meħtieġ tal-fidda. Tajjeb li f'dis-sena ċentinarja niftakru fil-bżonnijiet ta' das-sorijiet fit-talb tagħna, kif ukoll nitolbu aktar biex jitkattrulhom il-vokazzjonijiet.